

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

11799/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0216(NLE)

FISC 250
ECOFIN 1243
SM 12

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju
għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea
u r-Repubblika ta' San Marino
dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji
sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115, flimkien mal-Artikolu 218(5) u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali¹ ("il-Ftehim") tejjeb l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet fiskali bejn il-Partijiet Kontraenti u tejjeb il-konformità fiskali internazzjonali.
- (2) Ġew approvati bidliet importanti fil-livell internazzjonali fl-Istandard Komuni ta' Rappurtar (CRS) tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomik fis-26 ta' Awwissu 2022 u dawn ġew inkorporati fil-leġi tal-Unjoni permezz tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226², li emendat id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE³.
- (3) Fil-21 ta' Mejju 2024, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Repubblika ta' San Marino għal emenda tal-Ftehim biex jiġu riflessi l-bidliet fis-CRS approvati fil-livell internazzjonali. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali ("il-Protokoll Emendatorju").

¹ ĠU L 381, 28.12.2004, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2004/903/oj.

² Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226 tas-17 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L, 2023/2226, 24.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2226/oj>).

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/16/oj>).

- (4) Id-direttivi ta' negozjati kienu jirrikjedu wkoll li l-Kummissjoni taġġorna r-referenzi għal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data tal-Partijiet Kontraenti u meta jkun xieraq tispeċifika salvagwardji addizzjonali għall-protezzjoni tad-data biex tiżgura konformità kontinwa mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.
- (5) It-test tal-Protokoll Emendatorju, li huwa r-riżultat tan-negozjati, jirrifletti kif xieraq id-direttivi ta' negozjati maħruġa mill-Kunsill.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Protokoll Emendatorju jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u li d-Dikjarazzjonijiet Konġunti mehmuża mal-Protokoll Emendatorju jiġu approvati.
- (7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁴ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali huwa b'dan awtorizzat fisem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll Emendatorju⁶.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar il-Ftehim u l-Annessi, id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar l-Artikolu 5 tal-Ftehim, id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar ir-relazzjonijiet bejn San Marino u l-Unjoni Ewropea, id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar id-definizzjoni tal-Bank Ċentrali u d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju huma b'dan approvati fisem l-Unjoni.

⁶ It-test tal-Protokoll Emendatorju ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
